MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 136/2013

**Mobisle Communications Limited**
**C -24655**

**vs**

**Lindgren Sara Ulrika**
**ID-61731(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenuta thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sebgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€277.33c) in konnessjoni ma' 79367921 (AC40160604), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Ottubru, 2010.

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Bl- imghax u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2260/12.

Ra d-dokumenti mehmuza, u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.E.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn sebgha u sebghin ewro u tlieta u tletin centezmu (€277.33c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------